

Brussell, 3 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15786/25
PV CONS 62
RELEX 1537
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin/Kummerċ)
24 ta' Novembru 2025

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15558/25.

2. Approvazzjoni ta' punti "A"

15501/25

a) Lista mhux leġiżlattiva

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

**b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika
f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni
Ewropea)**

15521/25

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

**1. Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea
għall-2026**





15487/25
+ ADD 1-6
FIN

Approvazzjoni

Wara l-Kunsill (ECOFIN/Baġit) tal-14-15.11.2025

Il-Kunsill approva t-test konġunt dwar il-baġit għall-2026 kif jinsab fl-Anness u fl-addenda 1 sa 5 tad-dokument indikat hawn fuq, bl-Iżvezja tivvota kontra u l-Awstrija, il-Finlandja, l-Ungerija u n-Netherlands jastjenu (Bażi legali: l-Artikolu 314(5) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Negozjati kummerċjali bilaterali li għaddejjin
Sitwazzjoni attwali
4. Relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u ċ-Ċina* 
Sitwazzjoni attwali
5. Relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Istati Uniti* 
Sitwazzjoni attwali
6. Affarijiet oħra
- a) Rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-politika kummerċjali tal-UE
Informazzjoni mill-Kummissjoni 15024/25 + ADD 1
- b) Rapport ta' progress annwali dwar is-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar
Informazzjoni mill-Kummissjoni 14853/25
- c) Tariffi tal-importazzjoni fuq prodotti mir-Russja u l-Belarussja
Informazzjoni mill-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja 14976/25
- d) Attakki ibridi Belarussi
Informazzjoni mil-Litwanja 15684/25



Punt ristrett

* Mingħajr apparat elettroniku

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislativi li jinsabu fid-dokument 15521/25

Dwar il-punt "A" **Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2026**
nru 1: ***Approvazzjoni***
 Wara l-Kunsill (ECOFIN/Baġit) tal-14-15.11.2025

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IL-FINLANDJA, IN-NETHERLANDS U L-IŻVEZJA

"Il-baġit tal-UE għandu jkun ibbażat fuq prinċipji baġitarji sodi, iżomm marġnijiet suffiċjenti u jissalvagwardja strumenti speċjali biss f'ċirkostanzi ġenwinament mhux previsti.

Il-ftehim dwar il-baġit għall-2026 jagħmel użu eċċessiv ta' strumenti speċjali f'diversi intestaturi, b'riallokazzjonijiet limitati ħafna. Jinkludi wkoll żidiet sinifikanti fin-nefqa amministrattiva kif ukoll żidiet fil-livelli tal-persunal. Fl-opinjoni tagħna, il-baġit tal-UE ma jistax jinjora l-kuntest usa', li fih il-biċċa l-kbira tal-baġits nazzjonali jinsabu taħt pressjoni jew jiffaċċaw miżuri ta' konsolidazzjoni sostanzjali.

Għalhekk, aħna nemmnu li l-qbil dwar il-baġit tal-UE għall-2026 mhuwiex konformi mal-prinċipju ta' bbaġitjar prudenti."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tastjeni fir-rigward tal-ftehim dwar il-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea għall-2026.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza li jiġi żgurat il-funzjonament kontinwu tal-programmi u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Ungerija tqis li huwa essenzjali li tirreġistra dan li ġej fir-rigward tal-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) u l-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna (USI).

L-Ungerija tappoġġa l-isforzi kollha mmirati lejn it-tnedija ta' negozjati sostantivi lejn paċi sostenibbli u stabbli li tiggarantixxi s-sigurtà fit-tul tal-kontinent Ewropew. L-Ungerija temmen li bin-negozjati għall-paċi li għaddejjin u li huma mmexxija mill-Istati Uniti, l-UE teħtieġ ukoll li tadatta t-tfassil tal-politika tagħha.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u f'konformità mal-impenn dejjiemi tagħha għall-paċi, l-Ungerija ma tappoġġax l-istabbiliment jew il-finanzjament ta' strumenti ġodda tal-Unjoni li jikkontribwixxu militarment għall-gwerra fl-Ukrajna u jirriskjaw li jdgħajfu l-isforzi ta' paċi li għaddejjin. Ir-riżorsi skarsi disponibbli għal skopijiet ta' difiża jeħtieġ li jiġu allokatati kompletament għat-tħejjijiet tad-difiża tal-Unjoni stess, u b'hekk tiġi żgurata b'mod dirett il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE.

Konsegwentement, u b'mod konsistenti mal-pożizzjoni tagħna ddikjarata preċedentement matul in-negozjati dwar ir-Regolament EDIP, l-Ungerija ma tistax tapprova l-allokazzjoni proposta għall-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna fil-baġit għall-2026."